**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri**
**Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Carmelo Falzon**

**Kumpilazzjoni numru 386/2018**

**Illum 24 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmelo Falzon** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 160674 (M) billi huwa akkuzat talli nhar il-21 ta' Gunju 2018, ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15) gewwa Triq San Pietru, Hal-Qormi u/jew f'dawn il-Gzejjer :

1. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PS 487 Reuben Balzan u PC 271 Anthony Saliba f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq PS 487 Reuben Balzan u PC 271 Anthony Saliba, hekk kif iccertifika Dr.

Karl Causon MD A22 minn gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, konta persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu jew diga kienu agixxew ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kif ukoll talli kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*prosekuzzjoni* pprezenta fis-6 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 158 *et seq*.) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Carmelo Falzon prezentata fit-30 ta' Mejju 2019 (*a fol.*161 *et seq*.),

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

**IL-FATTI DWAR IL-KAZ**

Nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15.15 hrs) il-Pulizija gewwa l-Ghassa ta' Hal-Qormi kienu gew infurmati li sehh incident stradali fi Triq San Pietru, f'Hal-Qormi.

Malli l-Pulizija waslu fuq il-post sabu li kien hemm vettura tat-tip Honda ta' lewn ahmar, bin-numru ta' registrazzjoni ECB116, li kienet ipparkjata quddiem garaxx fi Triq San Pietru, Hal-Qormi u *forklifter* b'numru ta' registrazzjoni JBM901 li kien skiddja ghal fuqha, bil-konsegwenza li l-karozza b'numru ECB116 kienet imbottata ghal fuq il-bieb tal-garaxx u li kkagunatlu hsara.

Ftit tal-hin wara waslu Pulizija mit-taqsima tar-Rapid Intervention Unit (RIU) u f'dak il-mument harget il-mara tal-imputat Carmelo Falzon, minhabba li hasbet li kienet intlaqtet il-faccata tad-dar taghhom. Irrizulta li certu Enrique Camilleri kien ta daqqa ta' ponn fuq il-bieb tal-garaxx taghhom, li kien ta' lewn abjad.

Deher illi fuq il-post kien hemm kommozzjoni u wara xi ghaxar minuti li l-Pulizija kienu ilhom hemmhekk, deher l-imputat Carmelo Falzon li beda jaghti fuq sidru u fost xi kliem li qal kienu biex jaghtu lilu u mhux fuq il-bieb fejn hemmhekk intervjeniet il-Pulizija.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu hdax (11) –il xhud kif gej ;

PS487 Reuben Balzan (*a fol* 33 et. seq.); PC 107 Nicolai Dalli (*a fol* 39 et. seq.); PS 271 Anthony Saliba (*a fol* 45 et. seq.); WPS 161 Tania Camilleri (*a fol* 55 et. seq.); PC 1475 Ryan Sacco (*a fol* 65 et. seq.); Spettur Georg Camilleri (*a fol* 70 et. seq.); Nathalie Camilleri (*a fol* 75 et. seq.); Spettur Roderick Agius (*a fol* 95 et. seq.); Spettur Shaun Friggieri (*a fol* 104 et. seq.); Dr Karl Causon (*a fol* 113 et. seq.); Carmel Falzon (*a fol* 116 et. seq.).

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati

b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-

kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[1]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

**L-ewwel imputazzjoni**

**Feriti hfief – artikoli 221 tal-Kodici Kriminali**

Il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Mix-xhieda li taw **PS 487 Reuben Balzan** u kif ukoll **PC 271 Anthony Saliba** u mic-certifkati prezentati fl-atti jirrizulta li PS487 Reuben Balzan garrab grif, deskritti bhala *small abrasions* u PC 271 Anthony Saliba garrab *muscle strain.*

Ix-xhud it-**<u>Tabib Dr Karl Causon</u>** jikkonferma li minn dak li kien ezamina kemm fuq PS487 u kif ukoll PC271, irrizulta biss xi *slight injuries:*

> *Tabib : "Mela, qed nitkellmu fuq Reuben Balzan allright e? … Mela, kellu, kellu grif fuq il-polz tax-xellug u fuq l-elbow tax-xellug u kellu xi grif ukoll u skin loss fuq subgħajh. Index and thumb of the right hand."*
> *[…]*
> *Tabib : "Anthony Saliba dan kull ma kellu strapazz muskolari tal-muskolu tal-għonq tal- lemin."*

Il-Qorti tifhem li l-imputat beda jirrejagixxi b'mod li normalment persuna ta' temperament normali ma jirrejaggix hekk, izda mhux skuzabbli li l-imputat jghid li ma ndunax li l-membri tar-Rapid Intervention Unit kienu pulizija, hasibhom li kienu xi nies mill-folla prezenti u kien ghalhekk li rrezista ftit ghall-bidu.

**<u>It-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni</u>**

**<u>Artikoli 96(a) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l- ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz

pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s- servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l- ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin- nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht dina d-

disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-**Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> **"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l- Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il- persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz**

**pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l- espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is- servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-**Pulizija vs. James Demanuele**</u> deciza fis-16 ta' Novembru 2006 mill-Imhallef Joe Galea Debono LL.D. irreferiet ghal dak li qal Mamo[2] :-

*"If, therefore a man makes opposition to a warrant of Seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime....The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of Arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, without however, using any violence whatsoever. The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty."*

L-Imhallef Harding nhar il-21 ta' Mejju 1960 spjega li:

*"Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza*

[2] Notes on Criminal Law (1955 ed.) Vol. II p. 55

*tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l- arrest."*

Il-ligi tiddistingwi bejn sempliciment rezistenza ghal dak li hija xewqa jew istint tal-persuna li ma tigix arrestata, specjalment anke ghal-fatt illi tkun qieghda tirraguna u titkellem mal-ufficjali tal-Pulizija anke b'lehen ftit gholi u min-naha l-ohra, ghal meta l-istess rezistenza timmanifesta ruhha bi vjolenza jew xi tip ta' rezistenza ohra billi terfa' jdejha fuq l-istess ufficjali. Din il-linja ta' demarkazzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet tista' tghin biex tiddistingwi verament l-ghan wara l-Artikolu 96 tal-Kap. 9 u s-sitwazzjoni li kien fiha l-imputat Carmelo Falzon dakinhar tal-incident.

L-imputat jghid illi resaq lejn il-folla li kien hemm migbura sabiex tistaqsi min kien dak il-persuna/i li taw id-daqqiet fuq il-bieb tal-garaxx tieghu:

*Mhux kulħadd jistaqsi jekk jiġu jkissrulek il-proprjetà jagħtu ma tiegħek? Kulħadd isaqsi u jiena mxejt lejn, mxejt lejn il-folla u għidtilhom: "Isma'," għidtilhom […]*

*"Isma', min hu dan il-bully li ġie jagħti mal-bieb tal-garaxx tiegħi għal xejn b'xejn? X'għamlilkom il-bieb?" Għidtilhom: "Sawtu lili mela l-bieb? Dan x'għamlilkom il-bieb?" Irrabjajt b'dak il-mod. Jiena uman, uman. Kif appena […]*

*Kif, kif jiena, kif jiena appena rsaqt lejn il-folla u qed nerġa' nsaqsi: "Min hu dan il-bully?" Immanettjani mill-ewwel. Emm […]*

*Is-Surġent PS487 immanettjani mill-ewwel. La xejn, dort lejh, jien għidtlu: "Inti bis-serjetà qed timmanettja lili?" Għidtlu: "Jien x'għamilt?" Għidtlu: "Jien x'għamilt?" U nsomma beda jdawwarli jdejja u ntilfu, daru, daru erbgħa kontrija u ntilfu minn iġebbidni minn hemm, minn iġebbidni minn hawn, ħadd ma jaf x'inhu jiġri u jien qed insaqsi, qed insaqsi, għandi l-filmat, għandi kollox jidher, la kelli xejn f'idejja, la mort għall-ġlied la sfidajt lil ħadd għall-ġlied, la tajt fuq sidri kif bdew jgħidu l-Pulizija jew nidgħi. Mhu veru xejn dan. M'għidtx kelma waħda, m'għidtx dagħwa waħda, m'għidt xejn jiena…"*

Il-Qorti ma tarax li kien hemm il-volonta', ir-rieda, jew il-hsieb doluz illi l-imputat jasal biex jattakka, ihebb jew jingurja l-ufficjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post. L-imputat kien f'sitwazzjoni fejn kellu bzonn il-protezzjoni tal-istess ufficjali meta dan garrab, ghal xejn b'xejn u minghjar ebda sodisfazzjon moghti lilu ta' x'gara u ma garax, hsara fuq il-propjeta' tieghu. Il-Qorti filwaqt li tifhem dan ma taqbilx ma dak li sostniet id-difiza li l-imputat *"mhux talli ma kienx moghti l-protezzjoni u l-ghajnuna biex tissolva s-sitwazzjoni li kien sab ruhu fiha, izda talli spicca jikkumbatti l-arrest fuq il-post minn numru mdaqqas ta' ufficjali tal-Pulizija."*
Dwar da nil-Qorti se tikkummenta aktar 'l quddiem.

Ix-xhieda li ta PC271 hija importanti ghax tispjega l-attegjament tal-imputat:

*Ipprova jxejjer idejh, zammejnielu u qed nghidulu biex jieqaf, biex jikkalma, ikompli jipprova jersaq, jaghti s-salt biex jersaq lejn il-folla u*

*kellna ovjament irresquh lura u eventwalment nizzilnieh mal-art biex nimmanettjawh.*

*Qorti: Dan kif qed tghid kien naqra emozzjonatu kellu naqra passjoni jista jkun instantanja l-passjoni li kellu minhabba dak l-incident li allegajt, jigifieri rajtu, stajtu tinnotawhom dawn l-affarijiet?*

*PC271: Le, le dazgur.*

*Qorti: Illi mhux ghax b'dardir dan, ghax blokka kien qed jaghmel li qed jaghmel imma ghax gralu xi haga?*

*PC271: Ezattament.*

*Qorti: Mhux jigifieri jara xi haga, dubbiena u johloq incident dan.*

Il-Qorti thoss li l-imputat kien qieghed jagixxi fil-persuna tieghu bhala missier, sid ta' daru u tal-propjeta' tieghu li mar jistaqsi lil dawk in-nies migbura hemmhekk ftit passi 'l boghod mir-residenza tal-familja tieghu, jekk kienux jafu min taw dawk Id-daqqiet li kellu fuq il-bieb tal-garage tieghu. Il-Qorti illum tghid li l-imputat kellu jaghzel triq ohra minn dik li ghazel, kellu bil-kalma jara x'gara ezatt u mhux jirrejagixxi minghajr ma jaf il-fatti kollha. L-imputat tassew spicca bejn il-basla u qoxxritha u ma ghamilx sew tant li l-Qorti se tiehu inkonsiderazzjoni ta' dan meta tiddeciedi aktar 'l quddiem izda ma thossx li f'dan il-kaz hemm l-elementi li titlob il-ligi biex tinstab htija taht dawn iz-zewg artikoli tal-ligi.

**<u>Ir-raba' (4) imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi taht ir-raba' (4) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** deciza fil- 25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal- kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l- Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill-appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija.

**Il-hames (5) imputazzjoni**

**Artikolu 338(dd) – Ksur tal-ordni pubbliku**

Rigward din l-imputazzjoni, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet Il-**Pulizija versus Maria Concetta Green**[3] inghad:

> *"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c- cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*
>
> *L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal- Kodici Kriminali."*

[3] Volum LXXXIII Part IV pagina 441

Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deciz fit-23 ta' Gunju 1994 dwar ir-reat ta' ksur ta' bon ordni[4]:

**Skont gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:**

***'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'* (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).**

**A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u**

[4] Vol. LXXVIII.v.277.

**Sheldon, fil-ktieb taghhom *'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*:**

***'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).***

**Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*test* awtorevoli tieghu *'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*:**

***'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).***

**U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:**

***'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a***

***criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).***

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta' Mejju 1996, il-Qorti ziedet tghid hekk:

> **"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta'** *'breach of the peace'* **kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom** *'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992)*, **b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:**
>
> ***'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably,***

*however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).*

**Il-kuncett Ingliz ta'** ***'breach of the peace'*** **li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu** ***'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987)*** **hekk:**

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in <u>Howell</u> …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*

**Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma**

**tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li <u>oggettivament</u> inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[5]**

Fil-fatt fis-sentenza, **Il-Pulizija v. Marianne Abela et** moghtija fil-25 ta' Lulju 1984, intqal:

> **"... dan l-artikolu 352(bb) gie kostantement interpretat minn din il-Qorti (ara *Pulizija vs Donald Zahra*, 19 ta' April 1950 Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iv.968 u s-sentenzi hemm citati) li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu lic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazzjoni, ma jiksirx il-ligi."**

Il-Qorti temmen li il-grad tal-prova milhuq mill-prosekuzzjoni huwa sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghal htija tieghu dwar din l-imputazzjoni.

[5] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Gunju 1998

**L-uzu tal-forza mill-pulizija**

Il-Qorti qeghda tibbaza dawn il-hsibijiet taghha wara li qrat il-pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Dicembru 2014 **The European Convention on Human Rights and Policing.**

Il-Qorti tfakkar li l-ghan ewlieni tal-pulizija f'socjeta' demokratika li titmexxa bir-rule of law kif gej:

> *To maintain public tranquillity and law and order in society;*
>
> *To protect and respect the individual's fundamental rights and freedoms as enshrined, in particular, in the European Convention on Human Rights;*
>
> *To prevent and combat crime;*
>
> *To detect crime;*
>
> *To provide assistance and service functions to the public.*[6]

Il-Qorti tifhem l-isfidi li ghandhom il-Pulizija fil-hidma taghhom ta' kuljum u dan anke kien rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

> *'difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources'*[7]

Il-Qorti tfakkar li fid-decizjonijiet li jiehdu l-pulizija f'hidmithom ghandhom izommu quddiem ghajnejhom li dawn id-deicizjonijiet ikunu

---

[6] Recommendation Rec(2001)10 of the Committee of Ministers to member states on the European Code of Police Ethics at Article I.1

[7] Kontrova v Slovakia, judgment of 31 May 2007 at paragraph 50.

kif isejjah il-Kunsill tal-Ewropa bhala "*proportionate*" fejn fil-ktieb imsemmi jaghti dawn il-linji gwida:

*1. the reason(s) for the action taken.*

*2. whether other, less intrusive means could have been taken to achieve the same aim.*

*3. details of relevant legal and administrative provisions and how they have been complied with.*

*4. the necessity for the action to be taken and the foreseeable consequences.*

*5. how the is action likely to impact upon others.*

*6. confirmation, including reasons specific to the decision concerned, that the action is being taken for a legitimate reason and is non-discriminatory.*

*7. whether the decision has been taken on the basis of all relevant information.*

Il-Qorti thoss li huwa gustifikat li hawn jinghata rendikont tat-**Ten Key Principles Governing the Use of Force** tal-Pulizija Ingliza biex waqt hidmithom l-ufficjali jkunu jafu meta huwa accettabbli l-uzu tal-forza ghaliex il-pulizija meta johorgu mid-djar taghhom u jhallu l-familja warajhom iridu jirritornaw lura qawwijin u shah u mhux imwegga' waqt hidmithom. Ghaliex meta persuna tattakom waqt hidmithom il-ligi stess tawtorizzhom biex juzaw il-forza dejjem propozjonata u ma jesagerawx f'hidmithom ghaliex imbaghad ma jippretendux hajt ta' kenn.

*1. Police officers owe a general duty to protect persons and property, to preserve order, to prevent the commission of offences and, where an offence has been committed, to take measures to bring the offender to justice;*

*2. Police officers may, consistent with this duty, use force in the exercise of particular statutory powers, for the prevention of crime or in effecting a lawful arrest. They may also do so in self defence or the defence of others, to stop or prevent an imminent breach of the peace, and to protect property;*

*3. Police officers shall, as far as possible, apply non-violent methods before resorting to any use of force. They should use force only when other methods have proved ineffective, or when it is honestly and reasonably judged that there is no realistic prospect of achieving the lawful objective identified without force;*

*4. When force is used it shall be exercised with restraint. It shall be the minimum honestly and reasonably judged to be necessary to attain the lawful objective;*

*5. Lethal or potentially lethal force should only be used when absolutely necessary in self- defence, or in the defence of others against the threat of death or serious injury;*

*6. Any decision relating to the use of force which may affect children, or other vulnerable persons, must take into account the implications of such status including, in particular, the potentially greater impact of force on them;*

*7. Police officers should plan and control operations to minimise, to the greatest extent possible, recourse to lethal force, and to provide for the adoption of a consistent approach to the use of force by all officers. Such planning and control will include the provision to officers of a sufficient range of non-lethal equipment and the availability of adequate medical expertise to respond to harm caused by the use of force;*

*8. Individual officers are accountable and responsible for any use of force, and must be able to justify their actions in law;*

*9. In order to promote accountability and best practice all decisions relating to the use of force, and all instances of the use of force, should be reported and recorded either contemporaneously, or as soon as reasonably practicable;*

*10. Any decision relating to the use of force by police officers must have regard to the duty of care owed by the relevant police service to each individual police officer in the discharge of his duties. Deployment of police officers in a public order context where force may be used can carry grave risks to their own safety, and so must be the subject of rigorous control for that reason also.*

**ZERO TOLLERANCE**

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggghom.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher

b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d-dmirijiet taghhom.

**Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skont il-ligi. F'dan il-kaz il-pulizija marru fuq il-post biex jipprotegu lill-familja u l-propjeta' tal-imputat wara li saret hsara fuq l-istess propjeta' minn terzi.**

Il-Qorti  tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

Din il-Qorti taqbel u taghmel taghha d-dikjarazzjoni li ghamel il-kollega Magistrat Aaron Bugeja fil-kaz il-**Pulizija vs Jerkin Decelis**, deciza fit-22 ta' Novembru 2013:

> *L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija …L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent.  Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizzju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha*

*minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u minnhom tilliberah, u wara li rat artikoli 221(1), 338 (ee) u 338 (dd) issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u tikkundannah ghal multa kumplessiva ta' hames mitt ewro (€500).

Fl-aharnett il-Qorti wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tinnota li f'dan il-kaz ma tqabdux esperti u ghalhekk ma kienx hemm spejjez peritali x'jithallsu.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**